MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 2898/1996/1

**Rita Borg**

**vs**

**Francis Borg**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Din hija kawza intavolata mill-attrici, li hija legalment separata minn zewgha il-konvenut, u li biha l-attrici qeghda titlob lill-Qorti li tordna il-likwidazzjoni tal-

komunjoni ta' l-akkwisti li kienet tezisti bejn il-kontendenti, li tordna lill-komunjoni ta' l-akkwisti hekk likwidata tigi diviza f'zewg ishma ugwali li ghandhom jigu assenjati wahda lil kull wiehed mill-partijiet u fl-ahhar nett talbet l-attrici li l-Qorti tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici dawk l-oggetti li huma proprjeta` parafernali taghha.

2. Il-konvenut ikkontesta l-kawza billi ressaq zewg eccezzjonijiet li bihom talab li t-talbiet attrici jigu michuda. Fl-ewwel lok huwa issottometta illi meta l-attrici abbandunat lill-konvenut hija hadet l-oggetti parafernali taghha kollha, liema oggetti kienu jikkonsistu fi ftit oggetti tad-deheb u hwejjeg personali. Fit-tieni lok il-konvenut stqarr li fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti ma hemm xejn x'jigi maqsum stante li d-dar u l-oggetti mobbli li jinsabu fl-istess dar kienu kollha proprjeta` parafernali tal-konvenut. Zied jghid li l-attrici halliet dejn li kellu jaghmel tajjeb ghalih l-istess konvenut.

3. L-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, wara li semghet il-provi kollha li resqulha l-partijiet ippronunzjat is-sentenza taghha fil-31 ta' Jannar, 2000. Dik il-Qorti iddecidiet billi laqghet it-talbiet attrici limitatament u fis-sens li kkundannat lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici fi zmien gimgha mid-data tas-sentenza diversi oggetti mobbli li ssemmew fl-istess sentenza. Dik il-Qorti ordnat ukoll li l-ispejjez jithallsu kwantu ghal zewg terzi mill-attrici kwantu ghal terz mill-konvenut. A skans ta' ripetizzjonijiet inutli din is-sentenza qed tigi annessa bhala appendici biex tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza billi l-istess sentenza fiha riprodotti testwalment it-talbiet shah ta' l-attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjonijiet li wasslu lil dik il-Qorti biex tiddeciedi l-kawza bil-mod imsemmi.

4. Billi l-attrici hassitha aggravata minn din is-sentenza, essenzjalment ghaliex ma qablitx ma' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti, hija talbet lil din il-Qorti joghogobha tirrevoka u thassar is-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti li permezz taghha gie deciz li tigi likwidata il-komunjoni ta' l-akkwisti tal-partijiet fil-kawza, l-istess attrici talbet li din il-Qorti timmodifika s-

sentenza moghtija fis-sens li takkorda lill-attrici sehem indaqs mill-komunjoni ta' l-akkwisti u tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

5. Fir-risposta ta' l-appell tieghu, il-konvenut issottometta li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kienet gusta u timmerita li tigi konfermata minn din il-Qorti. Huwa wiegeb ghal-lanjanzi li ressqet l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha u talab lil din il-Qorti tichad l-appell.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>

6. Ma jidhirx li huwa kontestat bejn il-partijiet illi b'sentenza ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili moghtija fit-30 ta' Gunju 1993, fil-kawza fl-ismijiet inversi dik il-Qorti iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Fl-istess sentenza, ghalkemm il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontentendi giet dikjarata xjolta, pero` dik il-Qorti kienet astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-likwidazzjoni taghha minhabba nuqqas ta' provi.

7. L-attrici intavolat din il-kawza madwar tliet snin wara li giet dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi mill-ewwel Qorti, u madwar disa' snin minn meta l-kontendenti nfirdu *de facto*. Fol. 16 u 17 tal-process l-attrici pprezentat affidavit li fih elenkat numru konsiderevoli ta' oggetti mobbli li hija kienet tippretendi li huma proprjeta` parafernali taghha. Hija ziedet tghid li kien hemm affarijiet ohra li pero` ma tistax tiftakar ezattament x'kienu billi l-konvenut kien kecciha minn darha biex dahhal mara ohra. Hija allegat ukoll li d-dar ta' Hal Luqa kienet saret matul iz-zwieg, u li kien hemm hanut tal-haxix kif ukoll vann. Hija resqet diversi xhieda biex issostni l-verzjoni taghha.

8. Il-konvenut ikkontesta l-pretensjonijiet, tista' tghid kollha, ta' l-attrici bix-xhieda tieghu, apparti li huwa ressaq ukoll diversi xhieda biex jikkoroborawh.

9. L-ewwel Onorabbli Qorti iddecidiet korrettament li l-provi li resqet l-attrici kienu skarni. Dik il-Qorti, infatti, stqarret li ma kellhiex dak il-konvninciment morali u dak il-

grad ta' perswazjoni nterna li certi fatti graw kif qalet l-attrici u mhux kif qal il-konvenut. Fi kliem iehor, il-verzjoni tal-konvenut dehret aktar kredibbli f'ghajnejn l-ewwel Onorabbli Qorti minn dik ta' l-attrici.

10. L-appellanti lmentat li l-ewwel Qorti ma tatx id-debita konsiderazzjoni ghall-fatt li hija ma setghetx tipprezenta d-dokumentazzjoni necessarja peress li hija giet imkeccija mid-dar konjugali u jekk kien hemm xi dokumentazzjoni dwar l-oggetti mobbli, dawn ma kienux fil-pussess taghha. Hija enfasizzat ukoll il-fatt li kienu ghaddew aktar minn tnax-il sena minn meta sfaxxa z-zwieg tal-konjugi Borg u l-fattur taz-zmien kien jaghmilha difficli ghaliha li taghmel provi aktar precizi u dettaljati. L-appellanti lmentat ukoll illi l-ewwel Qorti tat aktar kaz lix-xhieda prodotti mill-konvenut milli lix-xhieda prodotta minnha, u ilmentat ukoll li hija ma kienetx taqbel mal-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti.

11. Jidher car li l-appellanti qeghdha tistieden lil din il-Qorti biex tezamina mill-gdid il-provi akkwiziti fil-process u li tasal ghall-valutazzjoni u apprezzament ta' l-istess provi, divers u differenti mill-apprezzament li ghamlet il-Qorti ta' l-ewwel istanza. Ghalkemm din il-Qorti ta' revizjoni verament ghandha is-setgha li taghmel dak li qed titlobha l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha, pero`, huwa principju stabbilit li din il-Qorti ma tiddisturbax id-deskrizzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar l-apprezzament tal-provi li jkunu tressqu quddiemha hlief ghall-motivi serji u gravi jew fil-kaz li tkun se tirrizulta ingustizzja sinjifikanti lil xi parti.

Issa fil-kaz odjern, l-ewwel Qorti applikat korrettament il-principju bazilari tal-procedura civili li jimponi li min jallega fatt ghandu l-obbligu li jaghmel il-prova ta' l-istess fatt. L-Artikolu 562 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni Procedura Civili jistabilixxi:
"Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah".

Certament id-diffikultajiet li semmiet l-appellanti fl-aggravji taghha, u cioe` t-trapass taz-zmien kif ukoll in-nuqqas ta'

dokumentazzjoni minhabba li hija giet imkeccija mid-dar matrimonjali jaghmlu l-oneru tal-prova, li jinsab fuq spallejn l-attrici, ferm aktar gravuz. Madankollu din id-diffikulta` ta' l-attrici ma tistax isservi biex ixxellef il-principju fundamentali fuq imsemmi, li min jallega xi fatt ghandu huwa stess l-obbligu li jipprova sodisfacentement l-istess fatt.

12. Din il-Qorti ezaminat akkuratament l-aggravji kollha li ressqet l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghha u ghandha tosserva li l-ebda wiehed minnhom ma jiggustifika li din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba d-diskrezzjoni uzata mill-ewwel Qorti fil-valutazzjoni u l-apprezzament ta' l-istess provi akkwiziti fil-process. Anzi, din il-Qorti tmur *oltre* u tghid li wara li hija ezaminat il-provi kollha msemmija akkuratament hija tikkondividi pjenament il-konkluzjonijiet kollha raggunti mill-ewwel Qorti.

13. Ghal dawn ir-ragunijiet, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu kollha a karigu ta' l-attrici appellanti.

Deputat Registratur
df

**<u>APPENDICI</u>**

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Jannar 2000, qed tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------